SUPPLEMENT TAN-Nru. 56

# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUG DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

IL-HAMIS, IL-15 TA' MARZU, 1945.

## *Zjara Tal-Gvernatur Fid-Dipartiment Tal-Biedja*

*"Li kieku ma kontx suldat kont inkun bidwi, u meta ma nibqax suldat nittama li nkun bidwi."*

SIR EDMOND SCHREIBER.

FOST iż-żjajjar li s'issa għamel il-Gvernatur f'postijiet tal-Gvern u f'postijiet oħra fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, iż-żjara li għoġbu jagħmel il-Ġimgħa tat-23 tax-xahar li għadda fid-Dipartiment tal-Biedja kienet waħda mill-iktar sbieħ u importanti, il-lum li dan id-Dipartiment iħaddan waħda mill-fergħat Governativi li għandha t-tmexxija ta' l-aqwa industrja tal-pajjiż u li fl-eħrex żminijiet tal-gwerra li għadna fiha kienet il-ħajja tal-pajjiż.

L-Uffiċċju Prinċipali tad-Dipartiment tal-Biedja llum jinsab fuq il-għolja tal-Qasam tal-Għammieri fil-bini sabiħ li dari kienet l-iskola tat-tfal tal-bdiewa fejn dawn, qabel ma jsiefru għall-Awstralja jew għal pajjiżi oħra, kienu jitħarrġu fil-biedja skond il-metodi moderni—bini li kien twaqqaf mill-mejjet u qatt minsi, l-Avukat G. Micallef, li kien Direttur tal-Biedja. Minn hemm, dan l-Uffiċċju għandu taħtu l-Qasam kollu, li fih hemm il-qofol tal-ħidma tal-biedja ta' Malta u Għawdex.

L-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur flimkien ma' Lady Schreiber, u s-Sur Robert Biasini, id-Direttur tal-Biedja u l-Maġġur W. Bonello, Ajjutant tal-Gvernatur, għal xi s-2.15 ta' nhar il-Ġimgħa tat-23 tax-xahar li għadda, telaq mill-Palazz ta' Sant'Anton — fejn hemm ukoll l-Uffiċċju tal-Ġonna Pubbliċi, fosthom ukoll il-Ġonna ta' Sant'Anton, waħda mill-fergħat tad-Dipartiment — u wasal fil-Qasam ta' Wied Inċita fejn hemm numru kbir ta' tjur (dwar 800 ras) ta' l-aħjar razez għan-nisel (Rhode Island Reds u Suwed Maltin).

Hemmhekk is-Sur Robert Biasini, id-Direttur tal-Biedja, flimkien ma' Dr. Alf. Azzopardi, is-Suprintendent tal-Qasam tal-Għammieri, u s-Sur Viċenz Rizzo, Uffiċjal



Il-Gvernatur għaddej mill-Qasam tal-Għammieri, flimkien mas-Sur R. Biasini fil-lemin u Dr. A. Azzopardi fix-xellug. "Cliche" ta' l-"Allied Malta Newspapers Ltd." li għoġobha tislifu għall-"Bidwi".

inkarikat mill-Fergħa tat-Tjur u Fniek, imxew mal-Gvernatur u laqqgħuh mas-Sur P. Camilleri, l-inkarikat tat-tjur tal-Qasam ta' Wied Inċita. Din il-biċċa art—li minn qiegħ Wied Inċita tinfirex sa fuq it-triq ta' H'Attard għar-Rabat, ħdejn l-Isptar tal-Morda tal-Moħħ, kienet ingħażlet apposta għat-torbija u nisel ta' tjur — hija mdawra b'is-sigar tal-ħarrub u mgħammra bi kmamar tat-tiġieġ.

F'dan il-qasam hemm inkubaturi b'kemm jesgħu 1,200 bajda għat-tifqis ta' flieles li d-Dipartiment bil-ħsiebu jbigħ minnhom lill-pubbliku. Id-Dipartiment jittama li jkun



Fiċ-"Centre" tal-Haxix, Hall Balzan. Mix-xellug għal-lemin: is-Sur R. Biasini, Lady Schreiber, is-Sur C. Zammit-Marmarà, il-Gvernatur, is-Sur V.R. Rizzo u s-Sur O. Paris.

jista' jqassam sitt flieles lil kull familja. It-talba għal dawn il-flieles s'issa laħqet 'il fuq minn 8,000 billi qabel dan iż-żmien in-nies kienet qatgħet jiesha li trabbi u, issa, li ż-żmenijiet tbiddlu xi ftit għall-aħjar, ġiethom il-ħajra li jerġgħu jrabbu bħal qabel; iżda l-ħsieb tad-Dipartiment huwa li jqassam ukoll il-bajd tat-tqegħid biex in-nies trabbi l-flieles mit-tifqis tagħhom stess.

Wara din iż-żjara, il-Gvernatur telaq għaċ-"Centre" tal-Haxix f'Hall Balzan, fejn ġie milqugħ mis-Sur Oscar Paris, M.B.E., u mis-Sur Karm Zammit-Marmarà, M.B.E. F'Hall Balzan, id-Direttur tal-Biedja talab lis-Sur Karm Zammit-Marmarà biex ifisser lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur kif isir is-suq tal-ħaxix. Lil il-Gvernatur urewh ukoll it-taqsimiet tal-post. Iċ-"Centre" ta' Hall Balzan hu wieħed mis-swieq li minnu tgħaddi kwantità kbira ta' ħaxix u fejn imorru l-aqwa bejjiegħa biex jikbu l-ħaxix għall-parruċċani tagħhom. Is-Sur J. Azzopardi "Inspector in charge", ġie ppreżentat lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, u, wara li l-Gvernatur u Lady Schreiber qagħdu xi kwarta jduru l-post fejn urew interess kbir, telqu għall-Biċċerija.

Fil-Biċċerija, il-Marsa, ġie milqugħ mit-tobba veterinarji, is-Sur J. Gatt Rutter u s-Sur Andrè Cassar, fejn dawn dawruh il-post kollu u fissrulu fuq il-qtil tal-bhejjem u ħwejjeġ oħra ta' dak l-istabbiliment sabiħ imqassam skond is-sistemi ta' biċċerijiet moderni. Minn hemm il-Gvernatur, flimkien ma' Lady Schreiber, telqu għat-triq tal-Għammieri. Fil-bieb ta' l-Uffiċċju tal-Biedja kien hemm jistennewhom is-Sur Pawl Busuttil, Uffiċjal inkarikat mill-Fergħa tal-Kontijiet tad-Dipartiment u mis-Sur J. Peralta, il-Patologu tal-Pjanti.

Hawnhekk il-Gvernatur dar kull kamra tad-Dipartiment u ħa interess kbir fix-xogħol amministrattiv; kif wera mill-mistoqsijiet li għamel lill-uffiċjali ta' kull fergħa u mit-tweġibiet li kellu minn għand dawn, fosthom minn

